MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2013

Numru. 1021/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Gaetano Mark Savery**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gaetano Mark Savery detentur tal-karta tal-identita` numru 88396(M).

Akkuzat talli:
F'Settembru 2008, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' jew grajja

kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe` is-somma ta’ tmintax-il Elf Ewro (€18,000) ghad-dannu ta’ Joseph sive Debbie Mifsud detentur tal-karta tal-identita`numru 688461(M), ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` is-somma ta’ €18,000, ghad-dannu ta’ Joseph sive Debbie Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 688461(M) ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ hija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

**PROVI**

Mix-xhieda ta’ l-Ispettur **Maurice Curmi** hareg kif allegatament il-parte civile Joseph sive Debbie Mifsud gie introdott lill-imputat minn habiba tieghu u cioe` Patricia Calleja f’Settembru 2008, liema partner taghha Alex Friggieri kellu xi negozju mal-istess imputat. Il-parte civile investa is-somma ta’ghoxrin elf Ewro (€20,000) suppost bir-rata ta’ imghax ta’ ghoxrin fil-mija (20%). Dan l-ammont kontanti gie mghoddi lil Alex Friggieri li kellu jghaddihom lill-imputat, u l-istess Friggieri ta lill-parte civile zewg cekkijiet tal-HSBC ammontanti ghal erbgha u ghoxrin Elf Ewro (€24,000) lill-parte civile mill-kont tal-imputat li dawn kellhom jissarrfu sitt (6) xhur wara u cioe` fid-9 ta’April, 2009. Dawn ic-cekkijiet irrizulta li qatt ma setghu jissarrfu ghalkemm kien hemm diversi tentattivi

sabiex isir dan mill-parte civile liema dejjem kien ikollu xi tip ta' skuza min-naha tal-imputat.

Illi ghaldaqstant il-parte civile baqa' bla dawn il-flus hlief ghal elfejn Ewro (€2,000) liema somma giet rifuza lilu minn Patricia Calleja.

Semghet ix-xhieda ta' **Romuald Attard** ghan-nom tal-Bank of Valletta plc liema esebixxa d-dokumenti relattivi ghall-kontijiet bankarji tal-imputat. (Dok. MC4) Illi mix-xhieda tieghu hareg kif l-imputat kellu diversi kontijiet fosthom 'house loans' u xi 'loans' ohra fejn dawn spiccaw bi zbilanc ta' mija u wiehed u ghoxrin elf , seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu. Intbghatet ittra ufficjali f'Lulju 2010 lill-imputat peress illi il-file tieghu intbaghat lill-ufficcju legali tal-bank ghar-"recoveries".

Illi x-xhud ippreciza illi l-problemi mal-bank bdew f'April 2009, fejn fuq il-credit card, il-bilanc inqaleb f'loan peress illi ma kienx qed isiru hlasijiet. Izda huwa jghid illi l-bank kien ilu xhur jistenna sakemm ma ghamel din il-procedura.

Gew ipprezentati l-ircevuta ta' meta l-parte civile gibed is-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) mill-bank u kopja tac-cekk li l-imputat ghadda lill-parte civile a fol 69 u 70 tal-process.

L-istess parte civile **Joseph Mifsud** kompla jghid illi huwa qatt ma nghata informazzjoni fejn l-imputat kien ser jinvesti dawn il-flus u meta kien isaqsieh kien jghidlu biex ma jindahalx. Huwa kien dejjem jghidlu illi sitt xhur wara kien ser jehu l-kapital u erbat elef (€4,000) Ewro ohra imghax.
Ix-xhud **Alex Friggieri** xehed illi huwa ghamel xi zmien jahdem mal-imputat bhala sensar bil-paga u bil-commission u dan dam hekk ghal xi tliet snin. Huma ma kellhomx ufficcju izda kienu joperaw mill-karrozza taghhom. Huwa xehed illi qatt ma ra lil Savery jaghmel xi kuntratti matul iz-zmien li kien jahdem mieghu. Fuq il-kwistjoni tal-parte civile Joseph Mifsud, huwa qal illi dan kien avvicinah sabiex jinvesti f'xi haga u laqqghu ma'

Savery. Huwa jghid illi fl-istess zmien huwa ukoll kien investa xi haga mal-imputat izda baqa’ b’xejn ukoll.

Xehdet ukoll rapprezentanti tal-Bank HSBC **Audrey Ghigo** u **Sharon Camilleri** li ukoll taw rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-akkuzat f’dan il-Bank li kienet simili hafna ghal dik mal-Bank of Valletta. Infatti l-imputat kellu diversi kontijiet fosthom overdrafts, loans, current accounts u savings accounts u fixed deposits li dawn kollha gew konsolidati f’kont wiehed jigifieri dak ta’ loan sabiex l-imputat ikun jista’ jhallas id-dejn li kellu ma’ dan il-bank. Infatti, huma jghidu illi l-kontijiet tal-imputat bdew sejrin hazin hafna qabel Lulju 2009.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Illi inghad illi ghalkemm l-imputat ma ghamel xejn straordinarju sabiex jinduci lill-parte civile sabiex jikkonvincih biex jinvesti mieghu ghal dak li kien qed jghid li kien ser jinvesti f’mortages fl-Ingilterra, xorta jibqa’ l-fatt illi huwa ha il-flus minghand il-parte civile u qatt ma tahomlu. Illi l-fatt illi l-imputat qatt ma ta spjegazzjoni ’il ghaliex huwa qatt ma rrestitwixxa dawk il-flus bl-interessi hekk kif kien weighed u qatt la ta informazzjoni rejali fuq x’hiex effettivament kien ser jinvesti bhal per ezempju certifikat tal-investiment, kollox jinduci illi din kienet messa in xena minn naha tieghu.

F’dan ir-rigward issir referenza ghal **Manuale di Diritto Penale** Taljan [1] li jispjega dan l-element x’ínhu u cioe` :

*“L’ artificio e’ quella trasfigurazione della realta’ esterna determinate*
*o dalla simulazione dell’ esistenza di circostanze in realta’ inesistenti*
*o dalla dissimulazione di circostanze esistenti, si da creare una falsa*
*apparenza”.*

[1] Parte Speciale, seconda edizione, pg 1193 et. seq.

Infatti il-Qorti tal-Cassazioni Taljana[2] esprimiet ruhha b'dan il-mod fuq il-grad tal-messa in xena u cioe` qalet illi *"la semplice menzogna"* hija bizzejjed sabiex jissussisti dan ir-reat jekk l-effett ta' din il-gidba kienet sabiex il-parte civile genwinament taqa' vittma taghha.

Illi l-gurisprudenza nostrana ukoll kellha l-okkazjoni li tikkummenta fuq dawn l-elementi. Fil-kawza bl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Francesca Caruana[3]*** il-Qorti rriteniet illi:

*"U tabilhaqq, l-elementi ta'dana d-delitt huma l-qliegh, il-qerq li permezz*
*tieghu sar il-qliegh, u l-hsara ta' haddiehor. . . .U dina l-Qorti, fis-sentenza tas-26 ta'Jannar 1948, in "Pulizija v. Spiridione Falzon", irriteniet illi s-semplici affermazzjoni qarrieqa ta'min jipprezenta ruhhu falsament bhala t-tali, u b'hekk jaghmel qliegh ghad-dannu ta'haddiehor, anki' fl-assenza ta' ebda haga ohra li taghti xi kreditu lil dik il-prezentazzjoni, tikkostitwixxi d-delitt kontemplat fl-Art. 323 tal-Kodici Kriminali".*

Din is-sentenza hawn fuq citata tinkwadra perfettament mal-kaz in kwistjoni ghaliex li ghamel l-imputat kien li induca lill-parte civile li jemmen illi huwa kien ser jinvesti barra minn Malta u li kien ser jaghtih inghax b'erbgha fil-mija wara sitt xhur, u ghalhekk huwa fdah b'ghoxrin elf Ewro liema flus il-parte civile qatt ma ra ghaliex dejjem kien jinghata xi skuza jew ohra. Li kieku l-imputat kellu intenzjoni tajba u mhux li jiddefrawda lill-parte civile, kieku kien itih xi tip ta' prova li kien investa barra minn Malta u ghaliex ma hax il-flus lura, izda l-imputat qatt ma ghamel hekk u ghalhekk il-Qorti thoss li jissussistu l-elementi kollha sabiex l-imputat jinstab hati ta'dawn l-akkuzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 293, 308, 309 u 310 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Gaetano Mark Savery hati tal-akkuzi kif dedotti

[2] Cass. Pen., Sez. II, 20 giugnio, Sciblia, RV 171043

[3] App Kriminali, deciza 25 ta' Lulju 1953 – Imh A.J. Montanaro Gauci

kontrih u stante li t-tieni akkuza hija kompriza fl-ewwel qed tikkundannah hmistax-il (15) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------